MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2013

Numru 13/2013

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Bartosz Jacek Goldzinski**
**Weronika Jakubowska**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 13 tas-sena 2013 kontra l-akkużati Bartosz Jacek Goldzinski [detentur tal-karta tal-identita` Pollakka numru ATA279597], u Weronika Jakubowska [detentriċi tal-karta tal-identita` Pollakka bin-numru ATV503660] li bih huma ġew akkużati talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħdax (2011), il-pulizija tal-iskwadra kontra d- droga ġew infurmati mill-uffiċjali tad-dwana tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta li kienu għadhom kif waslu Malta żewġ passiġġieri ta' Nazzjonalita' Pollakka fuq it-titjira KM479 (Airmalta) mill-Bejġju tramite Franza lejn Malta li kienu

susspettati li setgħu kellhom xi sustanza illeċita fil-persuna tagħhom. Meta l-pulizija tkellmu ma' dawn il-persuni senjatament l-akkużati dawn stqarru magħhom u kkonfermaw li kienu qegħdin iġorru numru ta' kapsoli kontenenti droga illegali fi xtutna u dan b'mod xjenti.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħdax (2011) kif ukoll fil-ġranet ta' qabel, l-akkużati Bartosz Jacek Goldzinski u Weronika Jakubowska, iddeċidew illi jibdew imexxu u jittraffikaw fid-droga herojina. Irriżulta *ex admissis* li l-akkużati kienu ftehmu ma' persuni oħra barra minn Malta li għaddewlhom l-imsemmija droga biex imbagħad l-akkużati jikkonsenjawha lill-persuni oħra f'Malta. Għas-servizz tagħhom li jżommu u jittraffikaw d-droga herojina, l-akkużati kellhom jitħallsu ammont konsiderevoli ta' flus. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel l-akkużati Bartosz Jacek Goldzinski u Weronika Jakubowska ġew Malta fit-3 ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħdax (2011) biex jittraffikaw l-imsemmija droga. Huma filfatt xjentement ingħataw u esegwew struzzjonijiet mogħtija lilhom minn persuni oħra fejn Bartosz Jacek Golgzinksi bela' tnejn u disgħin kapsula (92) li kienu jikkontjenu s-sustanza illegali u perikoluża tal-herojina f'kull kapsula filwaqt illi Weronika Jakubowska kienet qed iġġorr kapsola oħra (1) ta' daqs ikbar mill-bqija, fil-parti privata tagħha, liema kapsola kienet ukoll tikkontjeni s-sustanza herojina u dan sabiex iż-żewġ akkużati jkunu f'pożizzjoni li jdaħħlu s-sustanza illeċita ġewwa pajjiżna u jgħaddu l-istess lil terza persuna oħra ai fini ta' traffikar, mingħajr ma jiġu interċettati mill-pulizija u/jew l-uffiċjali responsabbli. Huma kienu wkoll ingħataw struzzjonijiet sabiex jistennew struzzjonijiet addizzjonali ġaladarba jaslu Malta u dan bl-iskop li jittraffikaw din is-sustanza lil ħaddieħor wara li jkunu ħarġuhom/neħħewhom mis-sistema naturali tagħhom.

Fortunatament l-akkużati nqabdu mill-pulizija dakinhar tat-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħdax (2011) mal-wasla tagħhom Malta wara li trawwem suspett fl-uffiċjali tad-Dwana fl-Ajruport Internazzjonali ta'

Malta li entrambe l-akkużati setgħu kienu qegħdin iġorru sustanza illeċita fil-persuna tagħhom. Minn analiżi u eżamijiet li saru minn esperti forensiċi, ġie konfermat li s-sustanza li instabet fit-tlieta u disgħin kapsola (93) kienet effettivament d-droga herojina fl-ammont globali ta' seba' mija erbgħa u sittin punt disgħa u erbgħin grammi (764.49grammi) u ċioe' mediċina perikoluża li titqies bħala sustanża illegali skont il-Liġi tagħna, liema sustanża għandha l-valur ta' madwar ħamsa u ħamsin elf tmien mija tnejn u ħamsin Euro (€55,852) bil-purita' ta' tlieta u għoxrin punt wieħed fil-mija (23.1%).

Illi b'għemilhom l-imsemmija Bartosz Jacek Goldzinski u Weronika Jakubowska saru ħatja talli assoċjaw ruħhom ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibigħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwovew, ikkonstitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lil Bartosz Jacek Goldzinski u Weronika Jakubowska talli assoċjaw ruħhom ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibigħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċjazzjoni; talab li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A) (1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal

kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi li seħħew fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħdax (2011) u ċioe` kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, irriżulta li l-akkużati volontarjament u xjentement għamlu vjaġġ mill- Brussel tramite Franza lejn Malta permess tat-titjira bin–numru KM479(Airmalta), fejn tul il-vjaġġ kollu kellhom il-pussess xjenti tal- kapsoli kontenenti s-sustanża li nstabet u li sussegwentement irriżultaw li jikkonsistu mid-droga herojina, li tirrapreżenta mediċina perikoluża u sustanża illegali skont il-liġijiet tagħna. Dan il-vjaġġ sar bil-kunsens tal-akkużati stess, tant li huma xjentement rikbu l-ajruplan in kwistjoni bl-għarfien tal-iskop tal-vjaġġ u tal-kontenut tal-kapsoli li kienu qed iġorru fil-persuna tagħhom dejjem bl-intendiment aħħari li dawn jinħarġu/jitneħħew mis-sistema naturali tagħhom u sussegwentement jiġu mgħoddija lil terza persuna għal skopijiet illegali mal-wasla tagħhom hawn Malta. Effettivament li kieku l-uffiċjali tad-dwana ma ssupettawx fl-akkużati u ma nterċettawhomx fil-ħin opportun, dawn il-kapsoli kienu ser jgħaddu f'idejn terzi persuni ġewwa Malta bi ftehim mal-akkużati li l-kontenut illeċitu ta ġo fihom faċilment seta' jiġi ttraffikat illegalment għal skopijiet ta' lukru.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l- Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi favur l-akkużati li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Bartosz Jacek Goldzinski u Weronika Jakubowska saru ħatja talli importaw, ġiegħlu li tiġi importata jew għamlu xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il- Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellhomx liċenżja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanża li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmija Bartosz Jacek Goldzinski u Weronika Jakubowska talli importaw, ġiegħlu li tiġi importata jew għamlu xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (herojina) f'Malta bi ksur tad- disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellhomx liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l- imsemmija Ordinanża li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; talab li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tliet mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed u l-konfiska favur il- Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi waqt l-istess inċident li seħħ fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħdax (2011) konċernanti l-akkużati, u fil-jiem ta' qabel u ċioe` waqt iċ-ċirkostanzi imsemmija fl-ewwel u fit-tieni Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, irriżulta wkoll illi waqt it-titjira minn Brussel tramite Franza lejn Malta permezz tat- titjira numru KM479 (Airmalta) l-akkużati xjentement kienu qedgħin iġorru u b'hekk kellhom fil-pussess tagħhom il-kapsoli konsistenti mill-herojina waqt il-vjaġġ kollu lejn Malta. Il-kontenut illeċitu ta' dawn il- kapsoli kienu intenzjonati li ser jgħaddu f'idejn terzi bi ftehim mal-istess akkużati sabiex is-sustanza illegali ta' ġo fihom (l-herojina) tiġi traffikata għal skopijiet ta' lukru. Fortunatament l-uffiċjali tad-Dwana issuspettaw fil u interċettaw lill-akkużati fi stadju opportune fejn sussegwentment ġie kkonfermat

anki minnhom stess li kellhom din is-sustanża għar-raġunijiet imsemmija.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l- Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtorizza lill-akkużati sabiex ifornu, jimportaw, jesportaw, jimmanifatturaw jew jipprokuraw id-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilhom, l-imsemmija Bartosz Jacek Goldzinski u Weronika Jakubowska saru ħatja talli fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew jipprokuraw id-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avżaw l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellhom liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jfornu d-droga msemmija, u mingħajr ma kienu fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit- Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellhom liċenzja jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw id-droga msemmija, u mingħajr ma' kellhom liċenzja li jipprokuraw l-istess droga.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża l-imsemmija Bartosz Jacek Goldzinski u Weronika Jakubowska talli fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew jipprokuraw id-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avżaw l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellhom liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma' kienu awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikolużi jew minn xi awtorita` apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jfornu d-droga msemmija, u mingħajr ma kienu fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern

skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellhom liċenzja jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw id-droga msemmija, u mingħajr ma' kellhom liċenzja li jipprokuraw l-istess droga; talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (N.G. 292 ta' 1939) u fl-artikoli 23, u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi finalment u dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl- ewwel tlett kapi ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe` fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħdax (2011) konċernanti l-akkużat, u fil-jiem ta' qabel, minħabba l-fatt li l-kapsoli kienu qegħdin indubjament fil-pussess tal- akkużati effettivament fil-persuna tagħhom u minħabba l-fatt li s- sustanza suspetuża li instabet ġo fihom irriżultat, wara l-analiżi meħtieġa li saru, li kienet id-droga herojina u cioe' mediċina perikoluża u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, irriżulta li l-akkużati kienu fil- pussess xjenti ta' sustanza perikoluża skont il-Liġi. L-akkużati m'għandhomx problema ta' droga u kwindi din is-sustanza perikoluża ma' kinitx intiża għall-użu personali tagħhom, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata. Tant hu hekk li kien hemm total ta' tlieta u disgħin (93) kapsola, waħda minnhom ikbar mill- bqija, ilkoll kontententi s-sustanza imsemmija fl-ammont globali ta' seba' mija erbgħa u sittin punt disgħa u erbgħin grammi (764.49grammi) bil-valur ta' madwar ħamsa u ħamsin elf tmien mija tnejn u ħamsin Euro (€55,852) u bil-purita` ta' tlieta u għoxrin

punt wieħed fil-mija (23.1%), ta' li bħala ammont indubjament ma tindikax skop għall-użu personali. In oltre l-akkużati effettivament ammettew l- intendiment tagħhom fir-rigward tal-kontenut ta' dawn il-kapsoli (intenzjonati għal terzi persuni ai fini ta' traffikar) u fid-dawl taċ- ċirkostanzi kif imsemmija fil-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuza.

Anki f'dan il-każ, l-akkużati ma kinux fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenżja maħruġa mill-Liġi li tippermettilhom jkollhom fil-pussess tagħhom din is-sustanża perikoluża.

Illi d-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Bartosz Jacek Goldzinski u Weronika Jakubowska saru ħatja talli, kellhom fil-pussess tagħhom id-droga herojina meta ma' kinux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal- Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma' kinux bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kinux b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kinux awtorizzati bir-Regoli ta' l- 1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-droga li ma ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru **li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tagħhom.**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża l- imsemmija Bartosz Jacek Goldzinski u Weronika Jakubowska saru ħatja talli, kellhom fil-pussess tagħhom id-droga herojina meta ma kinux fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-

importazzjoni jew għall- esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kinux bil-liċenzja jew xort’ oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kinux b’xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kinux awtorizzati bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-droga li ma ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skont riċetta kif provdut fir- Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom; talab li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta’ għomor il-ħabs u multa ta’ mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l- imsemmija akkużati.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali u tal-akkużati Bartosz Jacek Goldzinski u Weronika Jakubowska, tat-28 ta’ Novembru, 2013, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali talbu li fl-eventwalita’ li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużati għall-akkużi miġjuba kontrihom il-piena li għandha tiġi inflitta fuqhom minn din il-Qorti għandha tkun waħda ta’ priġunerija għal perjodu ta’ disa` (9) snin flimkien ma’ multa ta’ tlieta w ghoxrin elf Ewro (€23,000) fil-kaz ta’ Bartosz Jacek Goldzinski u ta’ priġunerija ghal perjodu ta’ tmien (8) snin flimkien ma’ multa ta’ tlieta u

għoxrin elf Ewro (€23,000) fil-kaz ta’ Weronika Jakubwoska u dan oltre sanzjonijiet u konsegwenzi oħra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta’ ħtija taż-żewġ akkużati ai termini tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), inkluż il-konfiska ta’ kwalunkwe flejjes u tal-propjeta` mobbli u mmobbli ta’ l-istess akkużati.

Rat illi waqt is-seduta tal-5 ta’ Dicembru, 2013, l-akkużati, mistoqsija jekk humiex ħatja skont l-Att tal-Akkuża, wieġbu billi stqarru li huma kienu ħatja tar-reati hemm dedotti kontra taghhom fl-Att tal-Akkuża;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużati b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-tweġiba u taghthom ftit taż-żmien biex jergghu lura minnha, kif obbligata li tagħmel skont l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-akkużati baqghu jtennu t-tweġiba li huma kienu ħatja.

Tiddikjara għalhekk lill-ħatja Bartosz Jacek Goldzinski u Weronika Jakubowska, ħatja talli:

1. fit-3 ta’ Ottubru 2011 kif ukoll fil-ġranet ta’ qabel assoċjaw ruħhom ma’ persuni oħra f’Malta u ma’ persuni oħra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibiegħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwovew, ikkonstitwew, organiżżaw jew iffinanzjaw din l- assoċazzjoni, u dana skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża.
2. fit-3 ta’ Ottubru 2011 kif ukoll fil-ġranet ta’ qabel, importaw, ġiegħlu li tiġi importata jew għamlu xi ħaġa sabiex tista’ tiġi importata mediċina perikoluża (herojina) f’Malta bi ksur tad- disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellhomx liċenżja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanża li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oġġett, u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal- Akkuza.
3. fit-3 ta’ Ottubru 2011 kif ukoll fil-ġranet ta’ qabel, fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew jipprokuraw

id-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avżaw l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellhom liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma' kienu awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikolużi jew minn xi awtorita` apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jfornu d-droga msemmija, u mingħajr ma kienu fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall- esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellhom liċenzja jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw id-droga msemmija, u mingħajr ma' kellhom liċenzja li jipprokuraw l-istess droga, u dana skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża.

4. fit-3 ta' Ottubru 2011 kif ukoll fil-ġranet ta' qabel, kellhom fil-pussess tagħhom id-droga herojina meta ma kinux fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit- Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kinux bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kinux b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kinux awtorizzati bir- Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-droga li ma ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom

Rat il-fedini penali aġġornati tal-ħatja esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża.

Qieset li l-ammissjoni saret qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero' ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b'arrest tal-ħatja u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Qieset il-piena li ngħatat minn din il-Qorti f'kazijiet analogi reċentement biex ikun jista' jinżamm certu proporzjon u relativita' fil-piena għal dak li jirrigwarda l-gravita' tar-reat in kwantu l-kwantita' u purita' tad-droga.

Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel, fit-Tieniu fit-Tielet Kapi tal-Att tal-Akkuza servew bħala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat dedott taħt ir-raba' Kap tal-Att tal-Akkuża u għalhekk, għall-fini tal-konkors tal-pieni, għandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Ara "Ir-Repubblika ta' Malta vs Mansour Muftah Nagem" [31.10.2002], "Ir-Repubblika ta' Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag" [15.05.2003] u "Ir-Repubblika ta' Malta vs Norman Bezzina [09.10.2010].

Qieset ukoll li l-piena li sar qbil fuqha bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża hija fil-parametri tal-Liġi.

Għalhekk din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi u r-regola 4, 4(a) u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi [N.G. 292 ta' 1939] u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-ħatja Bartosz Jacek Goldzinski għall-piena ta' disa` (9) snin priġunerija kif ukoll multa tlieta w għoxrin elf Ewro (€23,000), u lil Weronika Jakubowska ghall-piena ta' tmien (8) snin priġunerija kif ukoll multa ta' tlieta w għoxrin elf Ewro (€23,000) li tiġi konvertita f'sena priġunerija jekk ma tithallasx fi żmien ħmistax –il jum.

Inoltre tikkundannhom iħallsu lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' import tal-ispejjeż peritali inkorsi f' din il-kawża u ċioe' ta' elf, erba' mija u tnejn u sittin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€1,462.63), jigifieri seba' mija u wiehed u tletin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€731.32) kull wiehed, liema spejjeż peritali jekk ma jitħallsux jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-Liġi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta'

Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli oħra tal-ħatja;

Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b’nota - li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma’ xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x’jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-Assistent Registratur u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta’ din il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta’ tali distruzzjoni u jġibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħatja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------